**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

## Naħsbu b'Mod Ugwali:  Imniedi mill-NCPE

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) qed tniedi proġett ġdid ko-finanzjat mill-UE mmirat lejn iż-żgħażagħ, professjonisti u akkademiċi.  Dan il-proġett, *VS/2010/0569 Naħsbu b'Mod Ugwali*, hu ko-finanzjat mill-fondi tal-PROGRESS.

F'konferenza li fiha tnieda dan il-proġett, id-Direttur Eżekuttiv tal-NCPE Dr Romina Bartolo, elenkat l-għanijiet ta' dan il-proġett, li ewlenin fosthom hemm li jinħoloq dibattitu dwar l-ugwaljanza, id-diversità u d-diskriminazzjoni multipla fi ħdan setturi varji tas-soċjetà; li jxerred prattiċi tajba; jippromwovi għarfien komuni dwar l-ugwaljanza u n-non-disriminazzjoni; u permezz ta' studji u stħarriġ jipprovdi informazzjoni li biha jkunu jistgħu jitħejjew liġijiet, *policies* u pjani ta' azzjoni.

L-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Proġetti, is-Sra Lara Bezzina, spjegat kif matul dan il-proġett iż-żgħażagħ se jkunu sensitizzati, imħarrġa u se jingħataw is-setgħa dwar suġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ugwaljanza, in-non-diskriminazzjoni u d-diversità permezz ta' materjal informattiv u permezz ta' seminar ta' taħriġ li matulu l-parteċipanti jingħataw għarfien dwar il-qafas leġislattiv tal-ugwaljanza u kunċetti oħra tal-ugwaljanza filwaqt li se jingħataw ukoll iċ-ċans li jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' diskriminazzjoni.  Se jkunu organizzati wirjiet artistiċi, kompetizzjonijiet u kunċert tal-mużika.

Is-Sra Bezzina kompliet tispjega kif il-professjonisti u l-akkademiċi se jkunu involuti f'dan il-proġett permezz ta' simpożju dwar id-diskriminazzjoni multipla li se jlaqqa' flimkien esperti li matulu jippreżentaw kitbiet riċerkati.

*VS/2010/0569 Naħsbu b'Mod Ugwali* se jkun jinkludi wkoll studji kwalitattivi dwar id-diskriminazzjoni li jgħaddu minnha persuni LGBT u gruppi razzjali f'Malta fi ħdan setturi differenti.  Se jkun qed isir stħarriġ fost iż-żgħażagħ li janalizza l-perċezzjoni, il-livell ta' għarfien u l-aċċettazzjoni tal-ugwaljanza u d-diversità kif ukoll kemm iseħħu każijiet ta' diskriminazzjoni.  Stħarriġ simili se jkun qed isir fost l-impjegati pubbliċi biex ikunu analizzati l-istess komponenti fl-amministrazzjoni pubblika.

Minbarra dawn l-attivitajiet imsemmija, se jinħarġu fuljetti b'tagħrif u jitħejjew case laws bil-għan li tingħata s-setgħa lil dawk il-professjonisti li jaħdmu ma' vittmi u ma' vittmi potenzjali.

Għal aktar informazzjoni dwar *VS/2010/0569 Naħsbu b'Mod Ugwali*, agħmel kuntatt mal-NCPE fuq 25903850 jew equality@gov.mt

**It-Tlieta 12 ta' April, 2011**

Dan il-proġett qed isir bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea Programm għal Impjiegi u Solidarjetà Soċjali - PROGRESS (2007-2013). Dan il-proġett huwa mmexxi mid-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea.